## 20 ta' Mejju, 1957

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Kurunell Stephen J. Borg ne. *versus* I.Ċ.A. Gustavo Romeo Vincenti

### Retratt — Spejjeż Leġittimi — Spejjeż Neċessarji u Spejjeż Utili — Pjanti u Stimi — Art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili

*Ir-retraent għandu jħallas lura lir-retrattarju, oltre l-prezz tal-akkwist li jkun ta lok għall-irkupru, kull spiża "leġittima" oħra li jkun għamel ix-xerrej "f'dak il-bejgħ", kif ukoll l-ispejjeż kollha "neċessarji u utili" magħmulin "fil-ħaġa" mix-xerrej jew minn kull possessur ieħor, ukoll jekk, għal xi raġuni li għaliha ma hux responsabbli r-retrattarju, ma jibqgħax l-effett ta' dawk l-ispejjeż.*

*L-ispejjeż tal-pjanti u stimi li r-retrattarju jkun għamel biex ikun jista' jirrikostruwixxi l-fond irkuprat, li kien imġarraf bil-gwerra, ma jistgħux ċertament jaqgħu taħt in-nomenklatura ta' "spejjeż leġittimi", għaliex ma sarux fl-okkażjoni tal-akkwist kif trid il-liġi għar-rigward ta' dawn l-ispejjeż leġittimi.*

*Imma, mill-banda l-oħra, dawn il-pjanti u stimi ma jistgħux ma jitqiesux spejjeż "utili"; għax bħala spejjeż intiżi għall-iżvilupp strutturali ta' fond distrutt ma kienux ċertament kapriċċużi, la ma jkunx hemm ċirkustanzi li juru li saru bl-iskop li jiġi skoraġġit ir-retratt. U lanqas ma jiswa r-rifless li dawk l-ispejjeż saru meta l-fond kien għadu jista' jiġi rkuprat; għaliex hu paċifiku fil-ġurisprudenza illi l-possibbiltà ta' l-irkupru ma tipprivax lill-akkwirent mid-dritt li jimmiljora l-fond minnu akkwistat.*

*Lanqas ma tiswa l-osservazzjoni illi l-liġi trid li l-ispiża utili tkun ġiet magħmula "fil-ħaġa"; għax dawn il-kliem għandhom jiġu nterpretati bħala li jikkomprendu spiża magħmula mhux fil-fond, imma għall-fond u li għandha tispiċċa fil-fond; u bla pjanti u stimi ma jistgħux isir ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tal-fond, b'mod li dawk il-pjanti u stimi huma parti mix-xogħol li eventwalment kien ser isir fil-fond.*

*Ma hux aċċettabbli l-argument tar-retraent li dik l-ispiża ma hix utili għalih, għax talvolta hu jkun irid jisfrutta l-fond xort'oħra; għax il-liġi tagħti d-dritt għar-rimborż anki jekk l-effett tal-ispiża ma jkomplix, purkè mhux bi ħtija tar-retrattarju, u, fit-tieni lok, fil-każ tal-irkupru ma hux importanti l-fattur tal-lokupletazzjoni, billi l-prinċipju dominanti hu biss dak li r-retrattarju jiġi mqiegħed fil-pożizzjoni li kien fiha anterjorment għar-retratt.*

*Fl-aħħarnett, jekk ir-retraent ikun irkupra parti biss, u mhux il-fond kollu akkwistat mir-retrattarju, mhix aċċettabbli s-sottomissjoni tar-retraent li, in pessima ipotesi, huwa għandu jħallas mill-ispejjeż ta' dawk il-pjanti u stimi parti biss korrispondenti għall-kwota minnu rkuprata; għax ir-retrattarju, meta għamel dawk il-pjanti u stimi, kien qiegħed jagħmel leġittimament spiża utili għall-fond kollu minnu akkwistat, u l-intenzjoni tiegħu kienet leġittimament li jisfrutta b'dawk il-pjanti u stimi l-fond kollu, u kien ir-retratt, sija pure limitat għal parti mill-fond, li mpedielu r-realizzazzjoni tal-pjan tiegħu.*

Il-Qorti;—Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-24 ta' Frar 1953, fejn

jinsabu riepilogati d-deċiżjoni ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Mejju 1949 u s-sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Novembru 1949, id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Mejju 1951 u s-sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Frar 1952 u tal-10 ta' Marzu 1952, u li biha dik il-Qorti (1) laqgħet l-ewwel talba tal-attur nomine, fis-sens li dikjarat validu u legali r-retratt eżerċitat minnu in kwantu jolqot il-korp ta' bini imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni b'esklużjoni tal-kwoti li ġew imsemmijin, (2) irriżervat li tipprovdi fuq it-tieni domanda tal-likwidazzjoni tal-ispejjeż, jekk ikun hemm bżonn, wara li dik is-sentenza tkun għaddiet ġudikat, (3) laqgħet it-tielet domanda tal-attur nomine, billi kkundannat lill-konvenut jirrivendilu dak il-korp ta' bini b'esklużjoni tal-imsemmija kwoti, liema rivendizzjoni kellha ssir fi żmien ħmistax il-ġurnata mill-jum tal-likwidazzjoni tal-ispejjeż leġittimi, li l-konvenut seta' għamel in konnessjoni mal-akkwist, u barranin għal dawk ġa depożitati mill-attur nomine maċ-ċedola tal-irkupru, u ddikjarat li fil-każ li din ir-rivendizzjoni ma ssirx fiż-żmien hekk imsemmi, allura għandha tiġi kunsidrata bħala li saret b'effett ta' dik l-istess sentenza, (4) u ħalliet għal ġudizzju separat il-konjizzjoni u d-deċiżjoni relattiva għar-raba' domanda. Ordnat li l-ispejjeż jitħallsu...... U minħabba fir-riżerva fuq imsemmija magħmula għat-tieni domanda, ħalliet il-kawża "sine die", riappuntabbli b'domanda verbali;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Ġunju 1953, li biha, fuq l-appell interpost mill-konvenut mis-sentenza fuq imsemmija ta' dik il-Qorti, biex l-istess sentenza tiġi revokata in kwantu kkundannatu jagħmel ir-rivendizzjoni lill-attur nomine tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni għal dawk il-kwoti li ma ġewx esklużi, u in kwantu kkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-kawża, ċaħdet l-appell tal-konvenut fil-kap devolut lill-istess Qorti, u f'dak il-kap ikkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjeż tal-appell kontra l-konvenut appellant, u ordnat li l-attijiet jerġgħu jinbgħatu lil dik il-Qorti;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru 1953, li biha, fost ħwejjeġ oħra, laqgħet it-talba

tal-konvenut miġjuba minnu fil-petizzjoni tas-6 ta' Lulju 1953, biex jiġi lilu mogħti l-permess biex jappella quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina missentenzi mogħtija mill-istess Onorabbli Qorti fl-14 ta' Novembru 1949, fl-4 ta' Frar 1952, u fil-15 ta' Ġunju 1953, billi tagħtu l-permess kondizzjonali biex jappella minn dawk is-sentenzi;

Rat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Ottubru 1954, li biha tat lill-konvenut il-permess definittiv li jagħmel l-appell mis-sentenza fuq imsemmija quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Rat is-sentenza tal-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat mogħtija fiż-17 ta' Ottubru 1955, li biha l-Lords talimsemmi Kunsill Ġudizzjarju rrakkomandaw lill-Maestà Tagħha r-Reġina illi l-appell interpost mill-konvenut jiġi respint, u li l-appellant iħallas lill-attur appellat l-ispejjeż ta' dak l-appell;

Rat l-Order in Council mogħti fil-Qorti ta' Buckingham Palace fit-28 ta' Ottubru 1955, preżenti l-Wisq Eċċellenti Maestà tar-Reġina, li biħ il-Maestà Tagħha għoġobha tapprova r-rakkomandazzjonijiet fuq imsemmijin tal-Kumitat Ġudizzjarju, u tordna li l-istess jiġu puntwalment osservati u eżegwiti;

Rat id-digriet tal-4 ta' Novembru 1955, li biħ il-kawża ġiet riappuntata quddiem dik il-Qorti;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Frar 1957, li biha ddeċidiet it-tieni talba miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni, fis-sens li llikwidat fis-somma ta' £243.12.0 l-ispejjeż leġittimi li l-konvenut għamel in konnessjoni mal-akkwist talkorp ta' bini msemmi fl-istess att, oltre dawk ġa depożitati maċ-ċedola ta' rkupru numru 163 tat-3 ta' Settembru 1948, u minħabba fiċ-ċirkustanzi tal-każ ordnat li l-ispejjeż jit-

ħallsu kwantu għal tnax il-trediċeżima (12/13) parti mill-attur u kwantu għal trediċeżima (1/13) parti mill-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi fis-sentenza tal-24 ta' Frar 1953 din il-Qorti rriżervat li tipprovdi, jekk ikun hemm bżonn, fuq it-tieni domanda tal-attur kontenuta fiċ-ċitazzjoni, relattiva għall-likwidazzjoni tal-ispejjeż leġittimi li talvolta l-konvenut għamel in konnessjoni mal-akkwist tal-korp ta' bini msemmi fl-istess ċitazzjoni wara li l-istess sentenza tkun għaddiet f'ġudikat. Għalhekk, ladarba dik is-sentenza għaddiet f'ġudikat, u l-kontendenti ma ġewx fi ftehim fuq l-import ta' dawk l-ispejjeż, hemm lok li dik id-domanda tiġi deċiża. U din hi l-unika domanda tal-attur li baqa' li tiġi deċiża f'dan il-ġudizzju;

Illi l-konvenut jippretendi illi l-ispejjeż leġittimi li fihom inkorra in konnessjoni mal-akkwist tal-korp ta' bini fuq imsemmi jilħqu s-somma komplessiva ta' £263.12.0, ċjoè £243.12.0 għall-preparazzjoni ta' pjanti, stimi, u otteniment ta' permessi relattivi għar-rikostruzzjoni tal-korp ta' bini msemmi fiċ-ċitazzjoni, u £20 għall-kumpens ta' xi serviġi reżi lilu fl-okkażjoni tal-akkwist ta' dak l-istess korp ta' bini. Il-perit legali, fir-relazzjoni tiegħu, u għar-raġunijiet hemm minnu sottomessi, wasal għall-konklużjoni li mis-somma totali preteiża minnu bħala spejjeż leġittimi dovuti lilu mill-attur il-konvenut għandu jieħu l-ewwel somma ta' £243.12.0, imma mhux ukoll dik ta' £20;

Illi din il-Qorti taqbel mal-perit legali, għall-istess raġunijiet minnu esposti, in kwantu ssottometta li l-konvenut għandu jieħu minn għand l-attur is-somma ta' £243.12.0 bħala spejjeż leġittimi li fihom inkorra għall-preparazzjoni ta' pjanti, stimi, u otteniment ta' permessi relattivi għar-rikostruzzjoni tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, li huwa akkwista fil-bejgħ b'liċitazzjoni taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fl-ewwel ta' April 1948, meta l-istess kien imġarraf bil-ħidma tal-għadu. L-attur issottometta li l-konklużjoni raġġun-

ta mill-perit legali ma għandhiex tiġi milqugħa, għaliex (1) il-konvenut ottjena l-approvazzjoni tal-pjanti wara li l-attur kien ġa eżerċita r-retratt, u għalhekk huwa qatt ma kien fil-pożizzjoni li jibda x-xogħol u jagħti eżekuzzjoni għall-pjanti li għamel; (2) l-approvazzjoni saret serotinament biex jaggrava lir-retraent bi spiża li ma kienetx għadha saret fil-fond, u meta kien jaf li għal dik il-parti rkuprata ma setgħet qatt tiġi realizzata; (3) l-ispiża ta' pjanta li qatt ma setgħet tiġi eżegwita fuq il-fond ma tistgħax tiġi msejħa utili jew neċessarja; b'dik il-pjanta l-fond ma ġiex miljorat realment u materjalment, tant li sal-lum għadu mhux mibni, u għalhekk l-istess pjanta ma tikkostitwix spiża la neċessarja u lanqas utili; (5) il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħha dejjem irriteniet li huma spejjeż neċessarji jew utili dawk biss li jsiru fil-fond, u l-pjanti tal-konvenut mhumiex spiża eżegwita fil-fond; (6) fi kwalunkwe każ, il-konvenut żgur ma għandux dritt għall-import tal-pjanti kollha, billi almenu kwarta parti minnu ma ġietx irkuprata, u tinsab f'idejn il-konvenut, u għalhekk l-attur għandu eventwalment iħallas biss l-import relattiv għall-parti li rkupra;

Għall-parti l-kbira, jekk mhux għal kollha, tas-sottomissjonijiet tal-attur, ġa hemm risposta eżawrjenti fir-relazzjoni tal-perit legali, li antiċipa dawk is-sottomissjonijiet; u għalhekk ma hemmx lok ta' ripetizzjonijiet. Biss, din il-Qorti tirrileva li ma hemmx dubju li x-xogħol ta' pjanti u stimi li għamel il-konvenut kien evidentement neċessarju u utili; għaliex il-fond, meta ġie akkwistat, kien imġarraf u ried jiġi mtalla' mill-ġdid — ħaġa li ma setgħetx issir mingħajr ma qabel isiru dawk il-pjanti u dawk l-istimi. Għalkemm ġew preżentati għall-approvazzjoni tagħhom xi ġranet wara li ġie eżerċitat l-irkupru, dawk il-pjanti u stimi l-konvenut, kif xehed, kien beda jippreparahom kważi minn meta akkwista l-fond, u kienu ġa lesti meta l-irkupru ġie eżerċitat. Dan hu evidenti; għaliex il-preparazzjoni ta' l-iskeda wisq dettaljata eżibita fil-fol. 446 u 447 tal-proċess, magħmula ċertament in bażi ta' pjanta, li bilfors kienet saret qabel u li ma setgħetx kienet ħlief dik fil-fol. 448 tal-

process, ma setgħetx saret fi kwistjoni ta' sigħat. Il-preżentazzjoni tal-pjanti u l-istimi għall-approvazzjoni tagħhom saret fl-4 ta' Settembru 1948, u l-konvenut ġie notifikat bir-retratt fit-3 ta' Settembru 1948. L-attur mhuwiex korrett meta jgħid li huwa ma rkuprax il-fond kollu; l-irkupru ġie mill-attur eżerċitat fuq il-fond kollu; u kien biss meta ppreżenta ċ-ċitazzjoni li huwa rrestrinġieh għal ċerta kwota; anzi kien biss waqt il-kawża, u preċiżament fit-3 ta' April 1952, li l-attur iddikjara li mill-korp ta' bini rkuprat huwa kien qiegħed jeskludi parti determinata. Wara kollox, kien biss fl-aħħar stadju tad-dibattitu orali li l-attur innega għal kollox id-dritt tal-konvenut għall-ħlas tax-xogħol li għamel relattiv għal dawk il-pjanti u stimi; għaliex għall-ewwel huwa kien irrikonoxxa li l-konvenut għandu dritt jitħallas, u l-kwistjoni ġiet ventilata biss relattivament għall "quantum" ta' dak il-ħlas; imma meta l-konvenut fil-bidu ppretenda £100, u in segwitu naqqas ukoll dik is-somma, kien l-attur stess li sfida lill-konvenut jipprokura stima tax-xogħol tiegħu mill-Kamra tal-Arkitetti, u huwa jħallsu fuq dik l-istima; u l-konvenut aċċetta dik l-isfida. Il-membri ta' dik il-Kamra nominati "ad hoc" biex jagħmlu dik l-istima, illikwidaw il-kumpens dovut lill-konvenut għall-imsemmi xogħol fis-somma ta' £243.12.0; u din il-Qorti ma ssibx raġunijiet għaliex ma għandhiex tadotta dik il-likwidazzjoni. Ċertament, kif issottometta l-perit legali, l-attur, meta jħallas lill-konvenut, ikollu dritt għall-pjanti u l-istimi kollha li għamel il-konvenut;

Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali in kwantu ssottometta li l-konvenut ma għandux jieħu minn għand l-attur is-somma ta' £20 reklamata minnu b'kumpens ta' xi serviġi reżi lilu fl-okkażjoni tal-akkwist tal-fond ġa msemmi. Il-konvenut mhuwiex ċar, u lanqas hu stess ma jaf ifisser ir-raġuni għaliex jippretendi dawk l-£20. Quddiem il-Qorti, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1955, huwa xehed li dawk l-£20 ħallashom lill-P.L. Caruana Scicluna bħala "spejjeż" in konnessjoni mal-akkwist tal-fond; fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1955 il-konvenut xehed li dawk l-£20

bħalhom għal konsult legali lill-istess persuna in konnessjoni ma' dak l-akkwist; u fis-seduta tas-7 ta' Settembru 1956, quddiem il-perit legali, il-konvenut xehed li dawk l-£20 ma setgħax jagħti dettalji tagħhom, però jaf li tħallsu lill-P.L. Caruana Scicluna in konnessjoni ma' xi serviġi reżi ma' l-akkwist li ta lok għall-irkupru. Din is-somma l-konvenut ma għandux dritt għaliha, la jekk tiġi kunsidrata bħala spejjeż jew serviġi, għaliex, kif issottometta l-perit legali, il-fond ġie liberat favur il-konvenut wara bejgħ fis-subasta, b'mod li kull xorta ta' spejjeż li hu kellu jħallas bħala liberatarju biex jakkwista l-fond kienet tirriżulta mill-istess atti tas-subasta, u kull spiża oħra, għalkemm setgħet ipprokuratlu ċerti faċilitazzjonijiet, ma tistgħax tissejjaħ neċessarja, u lanqas tiġi kwalifikata bħala leġittima. Mhux bħala konsult, għaliex, l-ewwelnett, konsult f'każ simili ma jilħaqx din is-somma; u mbgħad, prokuratur legali magħandu ebda dritt għall-konsult;

Rat fol. 487 in-nota tal-appell tal-attur nomine;

Rat fol. 484 il-petizzjoni, li biha dan talab ir-riforma tas-sentenza fuq imsemmija, billi tiġi revokata fejn illikwidat fis-somma ta' £243.12.0 l-ispejjeż leġittimi li l-konvenut għamel in konnessjoni mal-akkwist tal-korp ta' bini in kwistjoni, u fejn akkollat tnax il-trediċeżima parti mill-ispejjeż lill-attur, u billi jiġi dikjarat li l-konvenut ma hux intitolat għall-ispejjeż fuq imsemmija, u tiġi konfermata fejn ċaħdet il-pretensjoni ta' £20 reklamata mill-konvenut b'kumpens ta' serviġi reżi lilu fl-okkażjoni tal-akkwist tal-fond u fejn akkollat lill-konvenut trediċeżima parti tal-ispejjeż; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell hi jekk l-ispiża ta' preparazzjoni ta' pjanti u stimi msemmijin fol. 460, ammontanti għal £243.12.0, hijiex rimborżabbli mill-attur retraent lill-konvenut retrattarju;

Skond l-art. 1493 Kap. 23 Ediz. Riv., ir-retraent għandu jħallas lura lir-retrattarju, oltre l-prezz tal-akkwist li jkun ta lok għall-irkupru, kull spiża "leġittima" oħra li jkun għamel ix-xerrej "f'dak il-bejgħ", kif ukoll l-ispejjeż kollha "neċessarji u utili" magħmulin "fil-ħaġa" mix-xerrej jew minn kull possessur ieħor, ukoll jekk, għal xi raġuni li għaliha ma hux responsabbli r-retrattarju, ma jibqgħax l-effett ta' dawk l-ispejjeż;

L-ispejjeż tal-pjanti u stimi fuq imsemmijin ċertament ma jistgħux jaqgħu taħt in-nomenklatura ta' spejjeż "leġittimi", għaliex ma sarux "fl-okkażjoni tal-akkwist" kif trid il-liġi għar-rigward ta' dawn l-ispejjeż leġittimi;

Minn naħa l-oħra, dawk il-pjanti u stimi ma jistgħux ma jitqiesux spejjeż "utili", għax bħala spejjeż intiżi għall-iżvilupp strutturali ta' fond distrutt ma kienux ċertament kapriċċużi. Lanqas hemm xi ċirkustanza li tista' turi li saru bl-iskop li jiġi skoraġġit ir-retratt. Veru illi saru meta kien għad jista' jsir ir-retratt; iżda hu paċifiku fil-ġurisprudenza li l-possibbiltà tal-irkupru ma tipprivax lill-akkwirent middritt li jimmiljora l-fond minnu akkwistat (Kollez. Vol. XXII-I-272; XXIII-I-471; u XXVII-I-232);

Huwa veru wkoll li l-liġi trid li l-ispiża utili tkun ġiet magħmula "fil-ħaġa"; iżda dawk il-kliem ġew interpretati minn din il-Qorti bħala li jikkomprendu spiża magħmula "fuori del fondo", iżda magħmula "pel fondo" u li "deve finire necessariamente nel fondo", bħal ma kien f'dan il-każ, fejn il-pjanti u l-istimi kienu jsibu l-attwazzjoni konkreta tagħhom fil-fond (Kollez. XXVIIII-I-143). Hu ċert li bla pjanti u stimi ma kienx jista' jsir ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tal-fond; u kwindi dawk il-pjanti u stimi huma parti mix-xogħol li eventwalment kien isir "fil-fond";

Ma hux aċċettabbli l-argument tal-appellant li dik l-ispiża ma hix utili għalieħ, għax talvolta hu jkun irid jisfrutta l-fond xort'oħra. Infatti, (a) il-liġi tagħti d-dritt għar-

rimborż anki jekk l-effett tal-ispiża ma jkomplix, basta mhux bi ħtija tar-retrattarju, u f'dan il-każ ħtija ma kienx hemm, (b) u ma hux importanti fil-każ tal-irkupru (kif inhu fil-każ tas-sid li jirrivendika l-ħaġa tiegħu minn għand il-possessur) il-fattur tal-lokupletazzjoni; għaliex il-prinċipju dominanti hu biss dak li r-retrattarju jiġi mqiegħed fil-pożizzjoni li kien fiha anterjorment għar-retratt (Kollez. Vol. XXVIII, loc. ċit., p. 149);

Din il-Qorti lanqas issib sewwa s-sottomissjoni tal-attur li, in pessima ipotesi, hu għandu jagħti biss tliet kwarti tal-ispiża tal-pjanti, peress li kwart (approssimattivament) tal-fond ma ġiex irkuprat u baqa' għand il-konvenut; għaliex dan, meta għamel dawk il-pjanti u stimi, kien qiegħed jagħmel leġittimament, kif fuq ingħad, spiża utili għall-fond kollu minnu akkwistat, u l-intenzjoni tiegħu kienet leġittimament li jisfrutta b'dawk il-pjanti l-fond kollu; u kien ir-retratt, sija pure limitat għal tliet kwarti tal-fond, li mpedielu r-realizzazzjoni tal-pjan tiegħu;

Għal dawn il-motivi u dawk tal-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma, fil-meritu u fil-kap tal-ispejjeż, is-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellant.